**Il-vjaġġ tiegħek**

Mal-ewwel sigħat bikrin ta' dil-għodwa
Malajr għalaqt għajnejk, f'dil-ġirja mgħaġġla,
Inġbart flimkien ma' tant għeżież minn tiegħek
Mingħajr wisq kliem dħalt f'mewtek bħal nagħġa.

Ftakart kemm tħejjejt għal dal-waqt hekk meħtieġ
Elf mistoqsija nibtu f'qalbek fl-uġiegħ,
Mal-aħħar tokki tal-arloġġ tal-ħajja
Ħaffift, u fis-sema dħalt hekk minnufih.

Kemm ngħożżha l-ħrara tieghek għal dal-mument
Għalih ħejjejt minn xhur ilu b'tant hrara,
Għamilt li stajt biex meta jasal il-jum
Għalik tkun l-akbar grazzja, qatt il-ħsara.

Ħallejt warajk l-għeżież żewġek, uliedek
Lilhom b'tant imħabba kont ippreparajt,
Għal meta minġel il-ħajja dlonk nieżel
Ħasdek minn fostna, dan jien innutajt.

Xmara ta' sliem tinħass bil-mod għaddejja
Issellem bil-ħlewwa lil kotra tan-nies,
Għalik mara umli u siekta kellha
Post fil-beraħ tas-sema miftuħ w bla qjies.

Strieħ ja mara wisq bil-għaqal u għarfa
Għalik l-anġli ġew u ħaduk fis-smewwiet,
Imwieġba ghal dejjem mistoqsijietek
Thenna ma' Kristu f'saltnatu tal-barkiet.

Abbli meta l-quddiem nerġgħu niltaqgħu
Kollox għad jitfisser, jiċċara ruħu,
Sadanittant gawdi s-sema fil-qdusija
Tfarraġ bil-fjuri mlewna li jibqgħu jfuħu.

Patri Mario Attard OFM Cap
22 ta' Diċembru 2023

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.